MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 362/2012

**Rickard Johann**

**vs**

**Galea Diandra**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi hu jiggestixxi hanut ta' bejgh relatati ma' oggetti necessarji ghal attivitajiet varji inkluz printing ta' inviti. Illi l-konvenuta ghamlet ordni ta' inviti ghat-tieg taghha li ghandu jinzamm fl-14 ta' April, 2012. Illi l-konvenuta ordnat inviti f'valur ta' sitt mija u sebghin ewro, wiehed u sittin centenzmu (€670.61c) bhala bilanc wara hlas ta' depozitu ta' mija u hamsin ewro (€150). Illi din l-ordni kienet konfermata bil-miktub mill-konvenuta. Illi l-konvenuta naqset li thallsu ta' din l-ordni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u imghax min-notifika ta’ dan l-Avviz kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet attrici jimmeritaw illi jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi l-inviti tat-tieg stampati mill-istess attur ma kienux konformi ma dak approvat mill-konvenuta senjatament ma thalliex post fejn jinkiteb l-isem tal-mistieden fuq kull invit. Illi dan holoq inkonvenjent u pregudizzju car u manifest lill-konvenuta peress li ma kienx fadal bizzejjed granet qabel id-data tat-tieg sabiex tigi rettifikata din is-sitwazzjoni, oltre mill-fatt illi l-attur stess insista illi ma jirrimedjax din is-sitwazzjoni. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ikkunsidra,

Illi l-attur iddikjara illi f’Ottubru, 2011 il-konvenuta marret fil-hanut gestit mill-attur, u ghamlet ordni ghall-inviti tat-tieg, liema ordni kienet tikkonsisti f’tliet mija u hmistax-il invit (315), envelopes, cash card, tags ghas-souvenirs, u thank you card bl-envelope maghha. Illi l-prezz kumplessiv ghal din l-ordni kien ta’ tmien mija u ghoxrin ewro, wiehed u sittin centezmu (€820.61c), li minnhom thallsu mija u hamsin ewro (€150.00) in linea ta’ depozitu, u ghalhekk ghadu dovut il-bilanc fl-ammont ta’ sitt mija u sebghin ewro, wiehed u sittin centezmu (€670.61c). Illi t-tieg kellu jigi celebrat f’April, 2012, u f’Dicembru, 2011, l-attur ikkommunika mal-attrici sabiex jigi kkonfermat il-kliem li kien ser jintuza fuq l-inviti, ghaliex ghalkemm dan intbaghat permezz ta’ e-mail u din tintbaghat lill-fabbrika sabiex tinhareg *sample* wahda ta’ kif ser ikunu l-inviti, madanakollu, imbaghad jirrikjedu konferma minghand il-klijent illi qed jaqblu ma’ kif dan il-kliem ser ikun jidher fuq l-istationery. Illi kemm il-darba jkun mehtieg illi jsir xi tibdil, dan jerga’ jintbaghat lill-fabbrika, u eventwalment il-klijent jiffirma fuq is-sample ahhari li in bazi tieghu jkun ser isir il-printing, kif gara fil-kaz in ezami, meta l-konvenuta ffirmat

fuq is-samples approvati fit-23 ta’ Dicembru, 2011. Illi kopja ta’ dawn id-dokumenti bil-firma tal-konvenuta jisnsabu *a fol.*23 sa 26 tal-atti.

Illi eventwalment fi Frar, 2012 il-konvenuta giet informata illi l-istationery li kienet ordnat kienet lesta sabiex tingabar; illi effettivament kien mar l-gharus taghha, Matthew Dimech, sabiex jigbor din l-istationery, u hallas lill-attur – permezz ta’ cheque datat 8 ta’ Frar, 2012 (a fol.29 tal-atti) – il-bilanc li kien ghadu dovut. Illi jumejn wara, dan l-istess Matthew Dimech ghamel kuntatt bit-telephone mal-attur, u informah illi l-inviti ma kienux specifikament kif rikjesti ghaliex kien hemm linja nieqsa, u cioe’ il-linja li fuqha solitament jinkiteb l-isem tal-mistednin. Illi wara li l-attur ivverifika mal-*proof* li kienet giet approvata mill-konvenuta dwar din il-linja, hu nforma lill-imsemmi Matthew Dimech, illi s-*sample* approvata mill-konvenuta kienet minghajr tali linja. Illi Matthew Dimech informa lill-attur illi c-cheque li kien tah kien talab lill-Bank sabiex jghamel *stop payment* fuqu, u meta l-attur ipprova jsarraf l-istess cheque, dan effettivament gie *referred to drawer*. Illi in segwitu ghal tali dizgwid, l-attur beda jesplora diversi possibilitajiet sabiex il-pendenza mal-konvenuta tigi rizolta – inkluz illi l-inviti jergghu jigu stampati mill-gdid u dan *at cost price* – madanakollu, dan ma sarx ghaliex il-konvenuta naqset milli tiehu l-inviti lura ghand l-attur. Illi l-attur isostni illi huwa segwa l-istruzzjonijiet li rcieva minghand il-konvenuta.

Illi mart l-attur ikkonfermat illi hi kienet taf dwar dak li kien ghaddej bejn il-partijiet kontendenti ghaliex hi tassisti lil zewgha fil-gestjoni tan-negozju. Illi ddikjarat illi l-prova, ossia *sample*, li in bazi taghha gew stampati l-inviti ma kienx fiha linja fejn tikteb l-isem tal-mistednin, u li ghalhekk l-invit hareg minghajr tali linja. Illi wara li huma gew informati minn Matthew Dimech, l-gharus tal-konvenuta, illi kienu waqqfu l-pagament li kien sar lill-attur, l-istess konvenuta ma reghhetx marret lura fil-hanut tal-attur.

Illi l-konvenuta, da parti taghha, ddikjarat illi hi ghamlet l-ordni ghall-inviti u stationery ohra relatati mal-okkazjoni

tat-tieg taghha wara illi giet murija mill-attur diversi tipi ta' inviti, inkluz il-karta fuq liema kienu ser jigu stampati. Illi dwar il-kliem li kien ser jitnizzel fuq l-istationery, din l-informazzjoni nghatat minnha lill-attur f'okkazjoni ohra. Illi eventwalment irceviet *image* tal-invit kif kien ser jigi stampat, u marret fil-hanut tal-attur sabiex tikkonferma l-ordni taghha, u ghalkemm talbet illi jsir xi tibdil zghir iehor, dan fil-fatt sar. Illi meta saret din il-konferma mill-konvenuta, hi enfasizzat mal-attur illi riedet illi fl-inviti jkun hemm inserita linja fejn wiehed jikteb l-isem tal-mistednin, u ghalkemm fuq il-*proof* tal-invit li gie ffirmat minnha m'hemmx tali linja (vide fol.23), madanakollu, l-attur kien accertaha illi tali linja kienet ser tigi inserita fl-inviti li kienu ser jigu stampati. Illi minkejja tali accertazjoni da parti tal-attur, meta eventwalment l-gharus taghha mar jigbor l-inviti minghand l-attur, sabet illi tali linja ma gietx inserita, u ghalhekk hi kkomunikat minnufih mal-attur sabiex tilmenta mieghu dwar dan in-nuqqas.

Illi ghaddew diversi diskussjonijiet mal-attur u ma' martu dwar kif setghu jirrimedjaw ghal din is-sitwazzjoni – inkluz illi l-inviti jigu stampati mill-gdid *at cost price*, jew possibilment illi titqabbad persuna professjonali, bhal kaligrafu, sabiex jikteb l-ismijiet fuq dawn l-inviti, u dan a spejjez tal-attur – izda dawn minghajr ezitu pozittiv, u l-konvenuta giet kostretta li tuza dawn l-inviti kif kienu gew stampati, u indikat l-isem tal-mistednin fuq wara tal-invit. Illi l-konvenuta ddikjarat illi hi kienet disposta illi thallas ghall-i*stationery* l-ohra, izda mhux ghall-inviti. Il-konvenuta reghhet iddikjarat illi meta hi nghatat il-prova tal-invit li ffirmat fuqha bhala approvata, kienet reghhet gibdet l-attenzjoni tal-attur lejn il-fatt illi kien hemm il-htiega li tiddahhal il-linja fejn ser jinkiteb l-isem tal-mistednin, u ghalkemm ma jirrizulta ebda annotament in rigward fuq il-prova, l-attur accertaha illi kien ser jinserixxi tali linja fuq l-inviti.

Ikkunsidra,

Illi din l-azzjoni tittratta dwar ordni ghal *stationery* tat-tieg li saret mill-konvenuta, li kienet tikkonsisti fl-istampar tal-inviti, l-inizzjali tal-ismijiet tal-gharus u l-gharusa fuq l-

envelopes, il-*cash card*, is-*souvenir tag*, u *thank you card* bl-*envelope* maghha. Illi l-ilment tal-konvenuta jittratta specifikament dwar l-invit, u dan in kwantu tali invit ma giex stampat kif rieditu l-konvenuta, stante illi ma thallix spazju fejn jigi indikat l-isem tal-mistednin. Illi l-konvenuta ddikjarat illi hi kienet disposta li thallas ghall-oggetti l-ohra, u cioe' dawk rizultanti mill-fattura li kopja taghha tinsab a fol. 22 tal-atti, bl-eccezzjoni tal-inviti. Illi ghalhekk il-kontestazzjoni tal-konvenuta hija f'dak li jirrigwarda l-ammont ta' tliet mija, tmienja u sebghin ewro (€378.00) li huwa l-prezz ta' tliet mija u hmistax (315)-il invit bil-prezz ta' ewro u ghoxrin centezmu (€1.20) il-wiehed, filwaqt illi l-bilanc, u cioe' mitejn tnejn u disghin ewro u wiehed u sittin centezmu (€292.61c), ma jidhirx illi qed jigu kontestati.

Illi mill-assjem tal-provi mressqa hemm diskrepanza bejn ix-xhieda mghotija mill-attur u martu, u dak dikjarat mill-konvenuta f'dak li jirrigwarda l-istampar tal-invit, u cioe' jekk dan kellux jinkludi linja jew spazju fejn jigi inserit l-isem tal-mistednin. Illi minkejja li l-konvenuta ikkonfermat il-*proof* tal-invit kif jidher mill-kopja a fol.23 tal-atti, u ddikjarat l-accettazzjoni taghha billi ffirmat fuq dan is-*sample,* u anke gharfet il-firma taghha fuq din il-kopja, hi tiddikjara illi avzat lill-attur illi kienet qed tinsisti li jithalla spazju ghall-isem, u li din tal-ahhar accertaha illi ser javza lill-istampatur dwar dan. Illi l-attur, da parti tieghu, jsostni illi huma segwew l-istruzzjonijiet li nghataw mill-konvenuta, liema struzzjonijiet jirrizultaw mill-*proofs* li gew accettati u approvati mill-konvenuta.

Illi gialadarba mill-kopja tal-*proof* tal-invit li tinsab ezebita in atti ma jirrizultax illi sar ebda annotament dwar din il-linja, jew spazju, fejn kellu jigi inserit l-isem tal-mistednin, it-Tribunal m'ghandu ebda prova konvincenti quddiemu illi ssostni u tafferma dak li qed jigi allegat mill-konvenuta, u cioe' illi hi insistiet mal-attur illi javza lill-istampatur sabiex jghamel provvediment ghal tali spazju fuq l-invit. Illi ghalhekk, u fin-nuqqas ta' tali prova, it-Tribunal ma jistax iqis tali difiza bhala gustifikata sabiex il-konvenuta ma twettaqx il-hlas dovut minnha lill-attur, partikolarment fid-dawl tal-fatt illi l-istess konvenuta ddikjarat illi l-inviti effettivament uzathom, bhal ma wzat ukoll l-i*stationery* l-

ohra li hi ordnat u hadet il-konsenja taghha minghand l-attur. Illi kemm-il darba l-konvenuta kienet daqshekk mhux sodisfatta daqs kemm qed tallega u taghti x'tifhem, kienet tipprova tirrimedja ghal tali sitwazzjoni, billi anke possibilment taccetta l-proposta tal-attur illi l-inviti jergghu jigu stampati. Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal iqis il-fatt illi l-konvenuta ma ddisponietx minn dawn l-inviti, billi rritornathom lill-attur jew iddepozitathom taht l-awtorita' tal-Qorti, izda uzathom kif kien dejjem intenzjonat minnha li taghmel. Illi oltre dan, it-Tribunal iqis ukoll il-fatt illi ghalkemm il-konvenuta ma kellha ebda diffikolta' in rigward il-kumplament tal-i*stationery* li gie kkonsenjat lillha mill-attur, hi fl-ebda waqt ma offriet li twettaq il-hlas ghall-kumplament, u kien biss fl-isfond ta' dawn il-proceduri illi ressqet tali proposta.
Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kontestazzjoni tal-konvenuta ghall-hlas dovut minnha lill-attur, mhux gustifikat, u ghalhekk ser jghaddi sabiex jichad l-eccezzjonijiet sollevati minnha, filwaqt illi jilqa' t-talba tal-attur ghall-hlas tas-somma mitluba in forza ta' din l-azzjoni.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, jilqa' it-talba tal-attur, u jordna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u sebghin ewro, wiehed u sittin centezmu (€670.61c), bl-imghax kif mitluba.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------